**Għeluq il-25 Sena mill-Indipendenza**



Nhar il-21 ta' Settembru 1964 Malta saret Nazzjon Indipendenti. L-Indipendenza lil Malta fetħitilha orizzonti ġodda. Riżultat wieħed ta' din il-ġrajja kien li l-pajjiż seta' jieħu l-post li jixraqlu fil-laqgħat kollha internazzjonali, inkluż tal-Ġnus Magħquda. Malta setgħet ukoll tkabbar l-ekonomija tagħha u b'hekk ittejjeb il-livelli ġenerali ta' l-għejxien ta' niesha. Biex ifakkar Għeluq il-25 sena mill-Indipendenza, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ set ta' żewġ muniti, waħda tad-Deheb u l-oħra tal-Fidda. Fuq iż-żewġ muniti tidher ix-xbieha ta' Dr Giorgio Borg Olivier, li kien Prim Ministru nhar dik il-ġrajja. Il-Munita tad-Deheb *Proof* kienet inħadmet fiz-zekka *Royal Mint*, filwaqt li ż-żewġ muniti "Leqqiena-Mhux Ċirkulati" kienu ġew stampati fiz-Zekka ta' Malta. Kemm it-tifsila kif ukoll l-inqix huma xogħol is-Sur Noel Galea Bason, in-naqqax taz-Zekka Maltija.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Deheb "Leqqien-Mhux Ċirkulat" | Lm100 | 25.00 | 17 | 0.916 | 5,000 |